**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. MONICA VELLA LL.D., M.Jur**

**Avviz Nru. 7/2016/1MV**

**De Vere & Partners Holding Ltd [C-31663]**

**vs**

**Annette Caruana [KI 383589M]**

**Illum, 04 ta' Marzu 2020**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors permezz ta' liema is-socjetà rikorrenti De Vere & Partners Holding Ltd talbet lill-intimata Annette Caruana:

> *thallas is-somma ta' hamest elef tlett mija u tmienja u erbghin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€5,348.52) ekwivalenti ghal u konsistenti fil-valur u l-ammont li inti ircevejt bhala pagi waqt il-perjodu ta' maternità fil-kors tal-ingagg tieghek bhala impjegata mas-socjetà attrici u li inti obbligata thallas skont sub-artikolu 20 tal-Artikolu 36 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet*

*Industrijali – Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta meta inti bhala impjegata tas-socjetà attrici rikorrenti ghazilt li ma tergax tidhol ghax-xoghol fil-post li kont tokkupa meta beda l-leave tieghek tal-maternità, meta ntemm il-leave tal-maternità.*

*Bl-imghaxxijiet legali ghall-hlas tardiv tal-imsemmija somma u bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tinsab minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta tal-intimata Annette Caruana li tghid hekk:

1. *Preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 1027 u/jew tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Illi subordinament u assolutament minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhuwiex minnhu li l-esponent ghazlet hi li ma tirritornax ghax-xoghol fil-post li kienet tokkupa meta beda l-leave tal-maternità taghha u dan meta l-istess leave kien intemm u ghaldaqstant l-esponent qed tikkontesta l-pretensjonijiet kollha tas-socjetà attrici.*

3. *Illi s-socjetà attrici ma kinitx certa mix-xoghol li xtaqet taghti lill-konvenuta wara li l-esponent kienet lesta biex tidhol lura ghax-xoghol u kien appuntu dan il-konfuzjoni li wara hafna wassal sabiex is-socjetà attrici* <u>*unilateralment*</u>*, u anki b'mod fil-fehma tal-esponent irregolari, itterminat l-impjieg tal-esponent. Dan sahansitra wara li l-esponent kienet anki ddahhlet tahdem bi prova f'post analogu peress li skond l-*

*istess socjetà attrici il-post li hija kienet tokkupa ma kienx ghadu disponibbli.*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjetà rikorrenti tas-16 ta' Jannar 2019.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata tal-01 t'April 2019.

Semghet is-sottomissjonijiet orali ulterjuri ghan-nom tal-intimata fis-seduta tal-10 ta' April 2019.

Rat is-sentenza preliminari taghha tat-28 ta' Settembru 2016.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-19 ta' Mejju 2017.

Rat u qieset id-dokumenti u l-provi kollha prodotti.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

## It-Talbiet u l-Eccezzjonijiet fil-Qosor

Illi, fil-qosor, f'din il-kawza **s-socjetà rikorrenti talbet** illi l-intimata thallas is-somma ta' hamest elef tlett mija u tmienja u erbghin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€5,348.52) ekwivalenti ghal u konsistenti fil-hlas tal-pagi waqt il-perjodu ta' maternità waqt li l-intimata kienet impjegata maghha stante li l-intimata, meta ntemm il-'leave' tal-maternità, ghazlet li ma tergax tidhol ghax-xoghol fil-post li kienet tokkupa meta bdiet il-'leave' tal-maternità.

Illi, fil-qosor, **l-intimata eccepiet** (1) il-preskrizzjoni taht l-Artikolu 1027 u/jew tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16, u (2) it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhuwiex minnu li meta temmet il-'maternity leave' l-esponent ghazlet hi li ma tirritornax ghax-xoghol fil-post li kienet tokkupa meta bdiet il-'leave' tal-maternità taghha u (3) meta l-intimata setghet tidhol ghax-xoghol, is-socjetà rikorrenti ma kinitx taf x'xoghol se taghti lill-intimata u dan wassal sabiex is-socjetà attrici <u>unilateralment</u> itterminat l-impjieg tal-intimata. Dan sahansitra wara li l-intimata kienet anki ddahhlet tahdem bi prova f'post analogu peress li skont l-istess socjetà rikorrenti l-post li hija kienet tokkupa ma kienx ghadu disponibbli, u (4) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

## Principji Legali u Gurisprudenza Applikabbli

Illi s-socjetà rikorrenti ma ddikjaratx a bazi ta' liema Artiklu/i tal-ligi qed tagixxi. Il-Qorti tifhem li din il-kawza hija msejsa fuq l-Artiklu 36 sub-artikolu (20) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet industrijali, li jghid hekk:

> *"(20) Meta impjegata ma terġax tidħol għax-xogħol kif provdut fis-subartikolu ta' qabel dan, jew, wara li tkun hekk reġgħet bdiet ix-xogħol tabbanduna s-servizz tal-prinċipal tagħha, mingħajr raġuni tajba u biżżejjed fi*

> *żmien sitt xhur mid-data li fiha tkun hekk reġgħet bdiet, din tkun obbligata, bla ħsara għal kull obbligu ieħor taħt dan l-Att, li tħallas lill-prinċipal somma li tkun daqs il-pagi li rċeviet matul il-leave għal maternità.*".

Illi fil-kawza fl-ismijiet: **Awditur Generali f'ismu proprju u f'isem l-Ufficcju Nazzjonali tal-Verifika vs Adriana Fenech**, Appell Civili Numru 305/2008/1 deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Frar, 2010, il-Qorti dahlet f'certu dettal dwar il-kuncett ta' l-abbandun fil-kuntest tal-'leave' tal-maternità u qalet hekk:

*"L-ABBANDUN*

*Esposti dawn l-aspetti, l-ewwel indagini li jokkorri ssir jirrigwarda l-fattur "abbandun" in korrelazzjoni mal-kwestjoni tas-sick leave. Hemm qbil ma' l-affermazzjoni ta' l-appellanti illi z-zmien ta' sick leave matul il-perijodu tas-sitt xhur ma jikkostitwix dak l-abbandun li kapaci jiffrustra r-rapport tax-xoghol. Jinghad a propozitu mill-awtur Norman Selwyn ("Law of Employment", 15th Edition, 2008, Oxford University Press, para. 17.56 pagna 414) illi f'kaz ta' mard "the mere absence from work, even for a long time, will not automatically constitute frustration" (ara "Maxwell -vs- Walter Howard Designs Ltd" (1975)). Xi haga simili jinghad ukoll mill-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana (2000 Numru 2170) meta osservat b'mod generali f'kaz ta' rizenja illi l-kondotta tal-haddiem "consistente nell'abbandono del posto di lavoro non può, di per sè solo, avere il significato di una dichiarazione tacita di recesso, ma devono risultare anche ulteriori circostanze di fatto*

*confermative dell'intento del prestatore di recedere dal rapporto";*

*Maghdud dan, huwa b'danakollu ugwalment accettat illi "if it is clear that on the medical evidence the employee is unlikely to return to work for a considerable time, then there must come a point at which the employer is entitled to decide that the employee will not be returning to work, and consequently treat the contract as being frustrated." (para 17.57 ta' l-opra citata ta' Sylwyn). Ara dwar il-kriterji solitament adoperati f'kazijiet bhal dawn, sentenzi fl-ismijiet "Egg Stores (Stamford Hill) Ltd -vs- Leibovic" [1977] u "Williams -vs- Watsons Luxury Coaches Ltd" [1990]. Fi kliem iehor, filwaqt li t-tul tas-sick leave ma jipproducix ir-rizoluzzjoni awtomatika tar-rapport, jista' pero` jaghti lok ghad-dritt ta' recess skond id-disposizzjonijiet generali. Hija din ix-xelta li fil-kaz in ezami u in bazi ghall-marda taghha optat ghalih l-appellanti bir-rizenja taghha.*

*IL-FATTUR ZMIEN*

*Sija l-ligi [Artikolu 36 (20)], sija l-Ftehim Kollettiv (artikolu 39) jistabilixxu perijodu ta' 6 xhur f'liema l-impjegata trid tippresta x-xoghol taghha ghal principal wara li jintemm il-maternity leave. Gja gie osservat illi l-provvediment tal-ligi mkien ma jsemmi illi dak il-perijodu jrid ikun wiehed ininterrott, kif hekk bil-kontra jipprovdi l-Ftehim Kollettiv, u allura ghandu jkun presuppost illi fil-previzjoni tal-ligi dak il-perijodu jista' wkoll ma jkunx wiehed kontinwu ta' hidma effettiva, kif hekk inhu sottintiz mil-istess provvediment talligi fl-Artikolu 36 (20). L-importanti hu, fil-hsieb ta' din il-Qorti, illi l-impjegata tippresta*

*lill-principal taghha xoghol effettiv f'perijodu ta' zmien li, komplessivament, jekwivali ghal sitt xhur;*

*Hu l-argument ta' l-appellanti illi s-sick leave minnha mehud fil-perijodu wara li rritornat lura ghax-xoghol mill-maternity u l-parental leave kellu jigi komputat ghal fini ta' l-ottemperanza taz-zmien ta' 6 xhur li ssemmi l-ligi. Ma' dan l-argoment din il-Qorti rispettosament ma taqbelx. Dawk il-granet ta' sick leave mehuda mill-appellanti kienu certament jikkostitwixxu sospensjoni taz-zmien statutorju utli tas-6 xhur u, ghaldaqstant, ghall-iskop ta' l-Artikolu 36 (20) ma kellhomx jigu hekk kalkolati. Dan ghaliex, skond l-espressjoni tal-fehma predetta mill-Qorti, dak il-perijodu ta' zmien jikkontempla prestazzjoni effettiva mill-impjegata biex ipatti ghall-ghoti, anke jekk legalment obbligatorju, tal-hlas tal-pagi matul id-durata tal-maternity leave in kwantu leave ghal kollox specjali u partikolari. Mod iehor, il-mens legislatoris wara l-imsemmi artikolu jigi ghal kollox stultifikat;*

*Naturalment, ma jistax, in via generali, jkun disputat illi kemm meta tkun fuq maternity leave, kemm ukoll meta tkun fuq sick leave, ghal liema hi dejjem intitolata, l-impjegata titqies li ghadha fl-impjieg, b'mod li hi tissokta tibbenefika mid-drittijiet u l-beneficcji uzufruwiti minn impjegati ohra fl-istess klassi jew kategorija. Jinghad difatti mis-*Selwyn (Op. Cit. para. 17.87) *"if she is sick at the end of her maternity leave she is entitled to be treated in the same way as any other employee who is offwork sick". Dan hu bil-wisq logku in kwantu, altrimenti, jekk hi tkun soggetta ghal trattament divers dan jista' jaghti lok ghal kondotta diskriminatorja fil-konfront taghha u dan la hu*

*permissibbli u, wisq anqas, lecitu. Li dan ma huwiex hekk f'dan il-kaz hu spjegat mill-fatt illi l-appellanti thallset sa l-ahhar gurnata, avolja ghamlet perijodu sostanzjali fuq sick leave wara li rritornat mill-maternity u l-parental leave. (Ara in calce l-Memorandum ippreparat minn Ian Rizzo, Senior Principal (Finance & Administration fl-Ufficcju Nazzjonali tal-Verifika esebit a fol. 10 tal-process);*

*Rigwardata taht dan il-profil is-sentenzi tal-Qorti Ewropeja citati mill-appellanti fl-appell taghha u li kienu maggorment jitrattaw mill-intitolar ghall-annual leave u l-hlas ta' l-istess, ma jistghux, strettament, ikunu ta' assistenza, jekk mhux forsi biex jigi sottolinejat il-punt illi l-appellanti setghet dejjem tippartecipa u tuzufruwixxi mid-dritt taghha ghas-sick leave, ukoll jekk, precedentement, tkun gawdiet mid-dritt ghall-maternity leave.*

*RAGUNI TAJBA u BIZZEJJED*

*Premessi s-suesposti riflessjonijiet l-investigazzjoni li jmiss li ssir tinvolvi l-konsiderazzjoni jekk l-appellanti kellhiex verament raguni tajba u bizzejjed biex tevita s-sanzjoni tal-ligi u specifikament, dak tal-kostringiment li hi tirrimborsa lura lill-attur, principal taghha, "somma li tkun daqs il-pagi li rceviet matul il-leave ghall-maternità" [Artikolu 36 (20)];*

*Innegabilment, ghal-leggittimazzjoni ta' l-abbandun l-appellanti riedet dejjem tipprova, u tikkonvinci wkoll, li kellha raguni valida u gustifikata. Jekk allura c-cirkustanzi fattwali jwasslu fil-kaz partikolari ghall-konferma ta' raguni bhal dik,*

*ukoll jekk implicita, wiehed ikollu, logikament, jadotta l-veduta, illi l-motivi kienu sufficjentement kompleti, f'liema kaz ma tigix attivata s-sanzjoni penalistika espressa kemm fil-ligi kif ukoll fil-Ftehim Kollettiv. Dan huwa hekk in kwantu l-motiv gustifikat jassumi dik il-kwalifikazzjoni guridika idoneja li tillegittima r-rizenja anke fil-perijodu statutorju utli tas-sitt xhur, u li tigi evitata ssanzjoni;*

*Issa l-espressjoni "raguni tajba u bizzejjed", ghal liema jirreferi l-Artikolu 36 (20), hi askrivibbli ghat-tipologija ta' dak il-modulu generiku wzat mill-Att (Kapitolu 452) f'disposizzjonijiet ohra tieghu. Ad ezempju, l-Artikolu 36 (14) fil-kaz ta' licenzjament ta' l-impjegat jew tad-dimissjoni tieghu. Stharrig ta' dan l-Artikolu kien sar minn din il-Qorti kif presjeduta fil-kaz fl-ismijiet "Cavendish Hotels Limited -vs- Jesmond Beck", deciz fit-23 ta' Novembru 2005. Ghal dak li jiswa, fih gew ravvizati l-konsiderazzjonijiet segwenti:-*

*(1) "Konsimili ghal kaz ta' licenzjament, ir-rizenja volontarja mis-servizz, u allura r-recess mill-kuntratt ta' impjieg, huma marbuta mal-principju tal-kawza gusta, .... Naturalment din il-kawza gusta jew raguni tajba trid tigi rigorozament pruvata minn min jadduciha bhala liberazzjoni mill-konsegwenzi li ssemmi l-ligi; f' dan il-kaz, il-konvenut-impjegat. Naturalment ukoll, l-accertament relattiv hu affidavit lill-gudikant u dan ghandu jinvestiga u jevalwa jekk l-addebitu ventilat mill-konvenut ghandux verament riskontru fir-realta` jew huwiex semplici pretest biex il-konvenut jehles mill-obbligu kuntrattwali u legali tieghu";*

*(2) "fir-"raguni tajba" jirrientraw fatti kemm soggettivi kif ukoll objettivi. Kull valutazzjoni dwarhom trid issir b' riferiment ghal dawk l-aspetti konkreti, kollegati man-natura tar-rapport singlu, ... u l-portata soggettiva tal-fatt innifsu, ossija c-cirkostanzi verifikati fil-motivi u l-intensita` taghhom ...";*

Fil-fattispeci, l-appellanti kellha problemi medici ta' indoli psiko-socjali li kkostringewha tohrog fuq sick leave u, ultimament, li anke tirrizenja mill-impjieg. Ara xhieda taghha a fol. 88 u d-diversi certifikati medici esebiti minn fol. 16 sa fol. 18. L-attur appellat ma kkwerelax is-sintomi kif allegati f'dawn ic-certifikati medici. Invece, huwa kkampa t-tezi tieghu ta' assenza ta' raguni tajba ghaliex fl-ittra taghha ta' l-24 ta' Awissu, 2007 l-appellanti ma pprovdiet ebda raguni ghar-rizenja taghha;

Huwa opportun illi in mertu l-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet li gejjin:-

1. In linea ta' principju, rizenja ta' haddiem mill-impjieg tirrapprerzenta ezercizzju ta' dritt potestattiv. L-appellanti setghet taghmel dan anke minghajr ma tavvanza raguni li kieku hi rrispettat it-trapass taz-zmien utli ta' 6 xhur preskritt mill-provvediment. Una volta dan ma kienx hekk il-kaz hi kienet tenuta ggib prova ta' xi kawza gusta biex tirrecedi mill-kuntratt. Fil-kaz in ezami din il-kawza gusta giet offerta permezz ta' l-imsemmija certifikati medici. Trattasi ta' raguni ta' natura medika mhux ghal din il-Qorti li tiddisputa dik ir-raguni, anke ghaliex il-kontro-parti ma ressqet ebda prova jew sottomissjoni

*kuntrarja li kapaci tqiegħed fid-dubju dik irraġuni supplita mill-appellanti;*

*2. Huwa veru li l-ittra ta' riżenja mibgħuta mill-appellanti ma ssemmix espressament dik l-istess raġuni medika, u, anzi, hi karenti minn xi raġuni oħra. Daqstant ieħor huwa ugwalment veru wkoll illi l-attur kien diga` a konoxxenza ta' l-istat ta' saħħa psikoloġika ta' l-appellanti in kwantu huwa kellu "on record" iċ-ċertiifkat mediku tagħha datat 26 ta' Lulju, 2007. Barra minn hekk huwa kellu wkoll iċ-ċertifikat mediku tat-23 ta' Awissu 2007 u li kien jipprecedi b'ġurnata l-avviż tar-riżenja tagħha ta' l-24 ta' Awissu, 2007. Ċertifikati dawn li ġew sahansitra esebiti mill-istess attur appellat flimkien ma' dokumenti oħra fl-udjenza tad-19 ta' Jannar, 2009, u allura mhux lanqas presumibbli illi l-attur kien sajjem minn dik ir-raġuni medika li tinżel minn dawk iċ-ċertifikati;*

*3. Evidentement, l-ewwel Qorti naqset milli tesplora kif imiss din it-tema u li, fil-parametri tas-subinċiż (20) ta' l-Artikolu 36 għandha, għas-sens ta' l-interpretazzjoni ġuridika korretta tal-fattispeċi, u dik tal-ġustizzja, l-importanza ċentrali tagħha għas-sostenn tad-difiża ta' l-appellanti. Huwa, għaldaqstant, il-każ li din il-Qorti tallontana ruħha mir-raġonament u l-konklużjoni ta' l-ewwel Qorti.*

*Għal motivi kollha predetti din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-konvenuta appellanti, tirrevoka s-sentenza appellata, u, konsegwentement, tirriġetta d-domanda ta' l-attur proprio et nomine kontenuta fl-Avviż. Huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi speċjali ta' dan il-każ illi l-ispejjeż ġudizzjarji taż-żewġ istanzi jitbatew fi proporzjon indaqs mill-partijiet.*".

Il-Qorti hija wkoll tal-fehma li huwa applikabbli l-Artiklu 36 sub-artikolu (19) tal-Kapitolu 452 li jghid hekk:

> "*L-impjegata jkollha, meta jintemm il-leave għal maternità li għaliħ għandha jedd taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew il-perjodu ta' inkapaċità tagħha għax-xogħol li għalih jirreferi is-subartikolu (17), jedd li terġa' tidħol għax-xogħol fil-post li kienet tokkupa meta beda l-leave għal maternità tagħha ,jew f'post analogu jekk fiż-żmien meta hekk ikollha l-jedd il-post li qabel kienet tokkupa ma jkunx għadu disponibbli.*".

## Provi

**Beverley Yeomans**, direttur tas-socjetà rikorrenti xehdet permezz ta' affidavit[1], fejn tghid li:

- L-impjieg tal-intimata beda fil-05 ta' Jannar 2012[2]
- L-intimata nfurmatha verbalment li hija kienet se tuza l-'maternity leave'. Bin l-intimata twieled bejn l-10 u l-11 ta' Marzu 2013 u x-xhud baghtitilha bukkett fjuri[3] bl-awguri.
- L-intimata hadet 'maternity leave' mit-18 ta' Marzu 2013 sad-19 ta' Lulju 2013 u gimgha 'leave' qabel mis-07 ta' Marzu sal-15 ta' Marzu, liema 'leave' kien approvat.
- L-intimata talbet laqgha max-xhud, li sar fl-20 ta' Gunju 2013, f'liema laqgha nfurmat lix-xhud bis-sitwazzjoni li kellha fit-trobbija ta' binha[4].

---

[1] A folio 10 tal-process.
[2] Kuntratt tal-impjieg Dokument a folio 12 tal-process.
[3] Dokument B
[4] Dokument C u D

- Fis-07 ta' Lulju 2013 permezz ta' email x-xhud talbet update mill-intimata u tlett ijiem wara l-intimata infurmatha li qed tirrizenja mix-xoghol taghha ta' 'Accounts Administrator'. Din ir-rizenja ma kinitx accettata u x-xhud ipproponiet lill-intimat li tmur lura ghax-xoghol izda l-intimata wiegbet li s-sitwazzjoni taghha probabilment mhix se tinbidel sa mil-lanqas zmien sena.
- Fid-dawl ta' dan ix-xhud tghid li accettat ir-rizenja ta' l-intimata u tat struzzjonijiet lill-assistenta personali taghha sabiex tahdem l-ammont dovut lis-socjetà attrici mill-intimata peress li l-intimata ma rritornatx ghax-xoghol. L-ammont dovut kien ta' erbatax-il gimgha 'leave' tal-maternità u nofs il-perjodu tan-'notice' li ma nhadimx ammontanti ghal hamest elef u tlett mija u tmienja u erbghin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€5,348.52)[5].
- Hija baghtet lill-intimat sabiex thallas dan l-ammont kif ukoll tirritorna l-laptop tax-xoghol. Il-laptop gie ritornat fl-24 ta' Lulju 2013[6] izda l-flus le.
- Fl-ahhar tas-sena 2014 saru diskussjonijiet sabiex l-intimata terga' tigi mpjegata f'posizzjoni gdida u saret laqgha fit-08 t'Ottubru 2014 fl-4.30pm[7], fejn gie diskuss ix-xoghol li kien hemm disponibbli. Però hija talbet xoghol part-time jew full time reduced hours izda dawn il-hinijiet ma kinux adegwati ghas-socjetà attrici u ghalhekk dan ix-xoghol ma kienx offrut lill-intimata.
- Kien hemm diskussjonijiet ohra mal-intimata permezz tat-telefon fejn ahna ghidna li ridna full timer u l-pendenza tal-hlas dovut qatt ma giet risolta. L-intimata riedet li terga' tibda x-xoghol sabiex tkun tista' tirrifondi l-ammont dovut billi jitnaqqas mis-salarju taghha.

---

[5] Dokument E and F
[66] Dokument G
[7] Dokument H

- Fis-27 ta' Mejju 2015, tajt struzzjonijiet fejn offrejt li l-intimata thallas l-ammont f'rati mensili ta' mitejn u sebgha u disghin Ewro u erbatax -il centezmu (€297.14) fi zmien tmintax -il xahar jew sakemm jithallas l-ammont kollu u mhux aktar tard minn l-ahhar ta' Dicembru 2016.
- L-intimata ma qablitx ma' din il-proposta u qalet li kienet qed tistenna li tigi infurmata bid-data meta setghet tibda x-xoghol full time, li ma kinitx it-talba originali taghha, u talbet li thallas nofs l-ammont.
- Fl-04 ta' Awwissu 2015 wegibna li l-kumpanija kellha dritt ghall-ammont kollu[8]. L-intimata qatt ma wiegbet dawn l-emails.
- Fis-07 ta' Settembru rcivejna ittra legali li l-intimata qed tikkontesta it-tslba taghna ghall-hlas tal-msemmi ammont u hemmhekk waqqafna kull kuntatt dirett ma' l-intimata.

In kontro-ezami[9] hija kkonfermat li:

- l-laqgha mal-intimata saret fl-ufficcju tas-socjetà attrici fl-20 ta' Gunju 2013, zmien li kien ghaddu ghaddej il-leave tal-maternità ta' l-intimata;
- l-email ts-07 ta' Lulju 2013 intbaghat ukoll fiz-zmien li kien ghaddu ghaddej il-leave tal-maternità ta' l-intimata;
- il-leave tal-maternità kien sad-19 ta' Lulju 2013;
- li r-rizenja tal-intimata ntbaghtet fl-email tal-10 ta' Lulu 2013;
- bejn l-10 u l-20 ta' Lulju 2013 kienet qed tipprova zzomm lill-intimata milli tirrizenja imma l-intimata rrizenjat fl-10 ta' Lulju 2013;
- tghid li kien hemm diversi kuntatti wara dik id-data.
- Mistoqsija meta allura kienet id-data tar-rizenja tghid li ma tafx u dan jirrizulta mid-dokumenti tal-ETC;

[8] Dokument I
[9] A folio 55 – 63.

- Tghid li l-intimata kienet mistennija li f'gheluq il-leave tal-maternità terga' tkompli bl-istess xoghol li kellha.

**Sarah Sammut** xehdet permezz ta' affidavit[10], f'liema apparti li tghid li hija tmexxi d-dipartiment tar-rizorsi umani fi hdan is-socjetà attrici u li kienet ukoll l-assistenta personali tad-direttur Beverly Yoemans, prattikament ikkonfermat ix-xhieda moghtija bl-affidavit mill-istess direttur tas-socjetà attrici u prezentat kopja tad-dokumenti riferiti fl-istess affidavit.

In kontro-ezami tghid li l-gurnata ezatta tar-rizenja mhix imnizzla peress li d-direttur pruvat thallilha cans biex tahsibha. Izda meta qaltilhom li kellha sena biex tmur lura xoghol, ittiehdet decizjoni li l-impjieg jigi terminat. Tikkonferma li saret il-formula ta' tmiem ta' l-Impjieg tal-ETC u li l-ammont mitlub gie mahdum mid-Dipartiment ta' l-Industrija ghax hi (x-xhud) ma kinitx taf sew.

Is-socjetà attrici prezentat kopja tal-formula tat-Tmiem ta' l-Impjieg li turi d-data ta' terminazzjoni 30/06/2013. Il-formula hija ffirmata minn Beverley Yeomens ghas-socjetà attrici u cioe minn naha tal-employer biss[11].

Fuq talba tal-intimata giet prezentata ricevuta u cioe l-konferma mill-ETC li kienet irceviet l-imsemmija formula[12], li ggib id-data tat-12 t'April 2018.

**L-intimata Annette Caruana** xehdet permezz ta' affidavit[13].

[10] A folio 32 tal-process.
[11] Dokument PMV a folio 69-70 tal-process.
[12] Dokument PMV1 a folio 73 tal-process.
[13] Dokument AC1 a folio 79 – 86 tal-process.

Hija kkonfermat illi:

- L-impjieg taghha beda fil-05 ta’ Jannar 2012.
- Il-maternity leave bdietu mit-18 ta’ Marzu 2013 bl-intenzjoni li wara terga’ tidhol xoghol.
- Fit-23 ta’ Gunju 2013 marret fuq il-post tax-xoghol b’binha u dakinhar infurmat lid-direttur taghha li kellha problemi b’binha u setghet ma tkunx tista’ tirritorna ghax-xoghol full-time meta jispicca l-leave tal-maternità. Id-direttur qaltilha li dan jarawh meta jispicca l-leave tal-maternità, jigifieri xi zmien f’Lulju, f’gurnata eqreb ghal meta suppost terga’ tibda xoghol.
- Fis-07 ta’ Lulju 2013, id-direttur talbitha update permezz ta’ email u l-intimata tlett ijiem wara infurmat lid-direttur li qed tirrizenja mix-xoghol taghha u talbet li tkun taf l-ammont li ghandha tirrifondi.
- Izda din ir-rizenja ma gietx accettata u d-direttur issuggeriet li jittawwal iz-zmien biex hija tirritorna xoghol.
- Erbat ijiem wara fl-14 ta’ Lulju 2013, l-intimata kitbet lura li setghet tirritorna xoghol fi zmien sena fuq bazi part-time jew inkella tahdem bit-telework.
- Fl-20 ta’ Lulju 2013, id-direttur kitbitilha lura li hija kienet imsiefra u kienet qed tahseb f’soluzzjoni halli zzomm lill-intimata fix-xoghol u kienet se tiktbilha lura. Kitbitilha wkoll illi jekk id-decizjoni li jiehdu flimkien tkun li l-intimata tirrizenja l-ammont li ghandu jigi rifuz kien ta’ madwar hamest elef u tlett mitt Ewro (€5,300)[14]. Ghalhekk kien car li r-rizenja tieghi ma kinitx accettata mill-kumpanija.
- Minn dakinhar il-quddiem ma rceviet xejn aktar.
- Fis-16 ta’ Gunju 2014, sena wara meta s-sitwazzjoni ta’ binha kienet ikkalmat, l-intimata kitbet lid-direttur u talbitha sabiex

[14] Annex G a folio 24 tal-process.

tmur lura ghax-xoghol u jekk tistax tahdem “reduced and/or flexible hours”. Sadakinahr kienet ghada registrata mal-ETC bhala impjegata tas-socjetà rikorrenti[15] kif jirrizulta mill-formola tat-tmiem tal-impjieg li waslet ghand l-ETC f’Ottubru 2014 izda d-data tat-terminazzjoni tal-impjieg indikata tmur lura ghat-30 ta’ Gunju 2013.

- Matul dan iz-zmien l-intimata ma kinitx qed tithallas ghax il-ftehim bejn il-partijiet kien ta’ unpaid leave. U lanqas kienet impjegata ma’ xi hadd iehor.
- Fl-email tas-07 ta’ Lulju 2014 l-intimata ghamlet referenza ghad-diskussjonijiet bejn il-partijiet matul ix-xahar ta’ Gunju 2014 fejn iddikjarat li kienet herqana li se tirritorna xoghol. U talbet meeting ghal aktar diskussjoni.
- Kien biss fl-20 ta’ Awissu 2014 li l-intimata rceviet risposta minn ghand Ms Sammut li kitbitilha lura li qabel jerga’ jigi diskuss l-ingagg tal-intimata, hija kellha l-ewwel thallas is-somma pendenti[16].
- F’wiehed mill-meetings li saru bejn il-partijiet Yeomans, id-direttur kienet qalet li kien hemm xoghol ghall-intimata peress li kienu qed jigu introdotti swieq godda, u semmiet l-Awstralja peress li dan kien is-suq gdid li kien imiss sabiex il-kumpanija tkompli tikber. Yeomans qalet ukoll li kienet lesta toffrilha post pt-time, meta l-intimata kienet ghamlita cara li kienet f’posizzjoni li tibda fulltime. Minkejja il-korrispondenza kollha, l-emails u l-meetings Yeomans bdiet tinsisti li l-intimata kellha thallas ghal-leave tal-maternità. Jiena dak iz-zmien offrejt li nhallas nofs peress li l-estensjoni tal-maternity leave kienet ir-rejazzjoni tal-kumpanija wara li jien kont offrejt ir-rizenja li qatt ma giet accettata mill-kumpanija. Dan johrog car ukoll mill-fat li l-

[15] Dok. AFF AC2 a folio 84 tal-process.
[16] Dok. AFF AC3 a folio 85 tal-process.

formola tat-terminazzjoni tal-impjieg giet mibghuta lill-ETC lejn nofs Ottubru 2014, hafna wara aktar minn sena mid-data tat-terminazzjoni tal-leave tal-maternità.

- L-intimata tghid li kien ila tigri wara l-kumpanija minn Gunju 2014 rigward l-impjieg tieghi u dan permezz ta' emails, meetings u telefonati.
- Tghid ukoll li kienet qed iccempel kull gimgha sabiex tinghata data meta tista' terga' tibda xoghol. Meta hija kienet lesta li tidhol part-time il-kumpanija ma kellhiex dik ir-rieda u imbaghad meta setet tibda full-time il-kumpanija qalet li se tikkonsidra part-time Però qatt ma tat lill-intimata data meta setet terga' tidhol xoghol u lanqas il-kundizzjonijiet ("terms") ta' tali xoghol.
- Minkejja l-ftehim bejniethom sabiex jitwal il-maternity leave, l-intimata tghid li fil-verita qatt ma inghatat l-opportunita li tmur lura xoghol la fuq bazi part-time u lanqas fuq bazi full-time.
- L-intimata tghid li hija ma rritornatx ghax-xoghol ghaliex ma inghatatx din il-possibilita li terga' tibda xoghol.
- L-intimata tghid ukoll illi fl-ahhar tlett xhur qabel harget bil-maternity leave hija tranjat personalment lil Luella Grech u preparat u tata hand-over tajjeb biex tkun kapaci tkompli bix-xoghol li kienet taghmel l-intimata. Apparti minn hekk, membri ohra tal-istaff li kienu qed jiehdu hsieb id-departiment tal-finanzi, kienu jafu wkoll kif ikomplu x-xoghol li kenet taghmel l-intimata.
- Matul il-perjodu tal-leave tal-maternità l-intimata kienet ukoll giet ikkuntatjat diversi drabi sabiex tassisti fuq certu sitwazzjonijiet u kienet tikkomunika frekwentament ma' Janet Ciancio li kienet tiehu hsieb l-accounts.
- L-intimata qatt ma giet mitluba mill-kumpanija sabiex tiffirma formola tat-terminazzjoni tal-impjieg u fil-fatt qatt ma ffirmat ghal tali terminazzjoni.

In **kontro-ezami** meta suggerit lill-intimat li l-fatt li ma kinitx qed tircievi paga kien ifisser li hija ma kinitx ghada mpjegata, l-intimata tghid li ma taqbilx u tispjega li wara t-tlett xhur tal-leave tal-maternità meta rrealizzat li ma setetx tirritorna xoghol hija gharrfet b'dan lid-direttur u li fehmet is-sitwazzjoni taghha. U permezz tal-email l-istess direttur gharrfitha li ma accettatx ir-rizenja taghha peress li tgid: "If we decide that you will resign.." u mument iehor qaltilha "do you wish to prolong your maternity leave" u hija accettat ghax ma riditx titlef ix-xoghol taghha.

Meta suggerit lilha li hija kienet taf li trid thallas l-ammont li rceviet matul il-leave tal-maternità tant li f'xi punt kienet iddikjarat li lesta thallas nofs l-ammont, l-intimata spjegat illi din l-offerta kienet ghamlitha ghax kien hemm il-ftehim li hija kienet ser terga' tinghata x-xoghol. Tghid kategorikament li kieku ma kienx hemm dan il-ftehim hija ma kinitx toffri li thallas nofs is-somma.

Suggerit lill-intimata fil-fatt ma kien hemm l-ebda ftehim u li hija offriet li thallas nofs il-paga ghaliex hija ma setetx tirritorna xoghol, l-intimata tghid li wara tlett xhur hija ma setetx tirritorna xoghol izda kien hemm ftehim ta' estensjoni tal-leave tal-maternità. Mistoqsija dan minn fejn jirrizulta, l-intimata tghid li dan mhux specifikat izda d-direttur kienet taf il-kundizzjonijiet taghha u li l-intimata talbitha sena u kellha twegibha lura izda ma baghtet xejn lura. Tghid illi ghalkemm d-direttur baqghet tinsisti ghall-ammont shih, la kien hemm il-ftehim li l-intimata tirritorna ghax-xoghol wara sena, hija baqghet tinsisti mad-direttur li thallas nofs.

Mistoqsija jekk tafx li wara l-leave tal-maternità suppost li tirritorna lura fl-istess post, l-intimata tghid li kienet taf. Tghid ukoll li però f'wiehed

mill-meetings li saru bejniethom id-direttur issuggeriet li tmur f'sezzjoni ohra u fil-fatt hija kienet marret tara x-xoghol fis-sezzjoni tal-'commissions' biex tara jinteressahhiex jew inkella tibqax fl-'accounts'. Hija infurmat lid-direttur li ippreferiet li tkompli fl-'accounts', li huwa l-forte taghha. Tghid li f'wiehed mill-'meetings' d-direttur kienet semmietilha l-Awstralja. Tghid li ma kienx jimporta li ma tibqax fuq Western Europe.

Issuggeriet lilha li wara t-tlett xhur tal-'leave' tal-maternità hija ma kinitx lesta li tirritorna xoghol fl-istess posizzjoni li kellha, l-intimata tispjega li hija kienet tat ir-ragunijiet ghaliex ma kinitx tista' tirritorna full-time, tispjega li xoghlha kien qed jaghmlu haddiehor ghaliex hija stess fl-ahhar tlett xhur li hadmet kienet ittrenjat lil impjegata ohra sabiex ix-xoghol ikun jista' jitkompla, spjegat illi kien minnu li hija kienet talbet posizzjoni 'part-time' izda dan ukoll bit-'teleworking', fis-sens li tahdem tlett ijiem mill-ufficcju u jumejn mid-dar, jew inkella fuq 'flexible hours' sabiex tkun tista' taghmel xi xoghol mid-dar. Spjegat ukoll li kien hemm hafna xoghol li seta' jsir mid-dar bhal 'data inputting' u korrispondenza 'through emails'. Spjegat li però dan qatt ma gie offrut lilha. Spjegat li kieku d-direttur ma accettatx li taghtiha zmien, hija kienet tirrizenja immedjatament.

Issuggeriet lilha kif kienet qed titlob xoghol 'part-time' meta ma kienx hemm dik il-possibilità fil-kumpanija ghax in-natura tax-xoghol ma kinitx tippermetti hija tikkoregi tali suggeriment u tghid li hija talbet 'teleworking' u ssuggeriet li tahdem tlett ijiem ix-xoghol u jumejn mid-dar.

Mistoqsija dwar l-'email' fejn il-kumpanija talbet il-hlas tas-somma shiha, l-intimata spjegat illi hija kienet qed tistenna li tircievi d-data ta' meta kellha tibda xoghol kif kienet ftehmet ma' Ms Yeomans, id-

direttur. Minflok ircevit minn ghand Ms Sammut sabiex thallas l-ammont shih. Dan il-ftehim ma' Ms Yeomans kien ilu li sar minn ftit zmien qabel Gunju 2014 u sa Jannar 2015 hija baqghet iccempel kull gimgha sabiex tiinghata l-"istarting date" sabiex terga' tidhol xoghol. Tghid ukoll li dan kien ftehim verbali li sar f'wiehed mill-meetings li kellha mad-direttur.

Xehed **Joseph Saliba** in rapprezentanza tal-JobsPlus li esebixxa l-istorja tal-impjieg tal-intimata[17], minn liema jirrizulta li d-data ta' terminazzjoni tal-impjieg tal-intimata giet dikjarata 30 ta' Gunju 2013. Xehed ukoll li d-dokument gie ricevut mill-Jobsplus fl-14 ta' Ottubru 2014. Huwa prezenta wkoll kopja tat-termination form infisha Dok JS2 a folio 100 tal-process u spjega li kif jidher mit-timbru fuq dan id-dokument, il-Jobsplus irceviet din il-formola fl-14 ta' Ottubru 2014. L-istess formola hija ffirmata biss minn naha ta' min ihaddem.

## Kunsiderazzjonijiet

### L-Eccezzjoni Preliminari

Illi l-ewwel eccezzjoni giet deciza bis-sentenza ta' din l-Qorti fit-28 ta' Settembru 2016 u wara bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-19 ta' Mejju 2017.

## Il-Mertu

Illi fir-rigward tal-mertu, mix-xhieda u provi prodotti jirrizulta fic-car li s-socjetà rikorrenti ma accettatx ir-rizenja proposta mill-intimata, fiz-zmien li hija kellha tirritorna ghax-xoghol. Mhux biss izda id-direttur infisha kienet issuggeriet lill-intimata li testendi l-'leave' taghha u fuq

[17] Dokument JS1 a folio 90-92 tal-process.

tali suggeriment l-intimata nfurmat lid-direttur li hija ma tkunx tista' tirritorna ghax-xoghol qabel sena ohra. Hawnhekk id-direttur ma tatx risposta negattiva jew xi 'ultimatum' sabiex l-intimata tirritorna ghax-xoghol.

Mhux biss izda meta ftit qabel Gunju 2014, l-intimata regghet ghamlet kuntatt sabiex terga' tidhol fix-xoghol taghha, saru diversi telefonati, korrispondenza bl-'emails' kif ukoll 'meetings' fejn kien qed jigi diskuss bejn il-partijiet ix-xoghol li kienet se terga' tiehu l-intimata. Tant hu hekk li sahansitra giet moghtija l-opportunità li anke tmur f'sezzjoni ohra u cioè s-sezzjoni tal-'commissions' u l-intimata marret tipprova dak ix-xoghol. Izda wiegbet lura li kienet tippreferi li tibqa' fix-xoghol li kellha fis-sezzjoni tal-'accounts'. Matul id-diskussjonijiet li kien hemm kienet ukoll issuggeriet li tahdem 'part-time', 'flexible hours' jew inkella bit-'telework' billi tahdem tlett ijiem mill-post tax-xoghol u jumejn mid-dar. Tispjega li kien hemm hafna xoghol li seta jsir mid-dar.

Dan kollu ma gie kontradett bl-ebda mod mis-socjetà rikorrenti.

Tant ir-rizenja tal-intimata ma kinitx giet accettata illi s-socjetà rikorrenti ma hadet l-ebda pass sabiex tirregistra t-tmiem tal-impjieg tal-intimata. Apparti l-fatt li d-direttur stess kitbet lill-intimata sabiex ma tirrizenjax u minflok tiehu aktar zmien sabiex tirritorna ghax-xoghol. Dan ifisser li d-direttur kienet qed izzomm lill-intimata fl-impjieg.

Jaghmel sens ukoll illi la darba l-'maternity leave' kien spicca u la darba l-intimata ma kienet qed tircievi l-ebda hlas, allura din l-estensjoni kienet fuq 'unpaid leave'.

Jirrizulta wkoll li l-intimata meta giet biex taghlaq dik is-sena ta' estensjoni regghet ghamlet kuntatt mad-direttur sabiex din terga' taghtiha x-xoghol taghha. U wara d-diversi 'meetings' u diskussjonijiet li kien hemm, hija baqghet ccempel kull gimgha biex tinghata "starting date" kif kienet weghditha d-direttur u kif kienet weghditha id-direttur fl-'email' ta' Awissu 2014, fejn qaltilha li kienet imsiefra u li tkellimha lura hi la darba terga' tkun Malta. Izda din il-weghda ma avveratx ruhha minn naha tad-direttur. Li ma kkuntatjathiex lura. Izda l-intimata xorta baqghet ccempel kull gimgha.

Jirrizulta wkoll li l-intimata accettat li thallas nofs is-somma ghall-fatt biss li kien hemm dan il-ftehim li hija terga' tidhol xoghol fi zmien sena wara li skada l-'maternity leave'.

Izda minflok 'starting date', l-intimata irceviet talba ghall-hlas tal-ammont shih minn ghand is-Sinjura Sammut. Dan meta l-intimata (1) kienet giet imweghda 'starting date' mid-direttur ferm qabel u baghet iccempel u ssegwi tali weghda kull gimgha u (2) meta l-intimata kienet lesta li tidhol lura ghax-xoghol fuq kwalunkwe bazi ghaliex wara li ghaddiet dik is-sena, l-intimata setet tahdem anke 'full time' izda talbet 'flexible hours' u/jew xi xoghol bit-'telework'.

Jirrizulta wkoll li s-socjetà rikorrenti rregistrat it-tmiem tal-impjieg fl-14 ta' Ottubru 2014, jigifieri kwazi sena u nofs wara li spicca l-'leave' tal-maternità. Dan ukoll juri li r-rizenja tal-intimata ma kinitx giet accettata. Din ir-registrazzjoni saret ukoll minghajr il-firma tal-intimata bhala impjegata u saret ukoll ad insaputa taghha ghaliex qatt ma giet mitluba tiffirma ghal tali terminazzjoni.

Illi l-posizzjoni kif spjegata mill-intimata ma giet kontradetta bl-ebda mod mill-provi mressqa mis-socjetà rikorrenti. Anzi ghall-kuntrarju dak

li xehdu d-direttur u s-Sinjura Sammut jikkristallizzaw il-posizzjoni u x-xhieda imressqa mill-intimata. U l-aqwa prova kontra t-talba tas-socjetà rikorrenti hija proprju l-prova dwar it-terminazzjoni tal-impjieg li giet mibghuta fl-14 ta' Ottubru 2014. Dan juri li huwa minnu li ghal-lanqas sa dak iz-zmien is-socjetà rikorrenti kienet ghadha ma nehhietx lill-intimata mil-lista tal-impjegati taghha. Li kieku ma kien hemm l-ebda ftehim mal-intimata, din il-formola kienet tintbaghat fiz-zmien li spicca l-leave tal-maternità u mhux kwazi sena u nofs wara.

Illi hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fuq citata. Il-Qorti hija tal-fehma li dawk l-istess principji ghandhom japplikaw fil-kaz in ezami, stante illi la huma applikabbli ghal sitwazzjoni fejn gie allegat li kien hemm abbandun da parti tal-impjegata, kemm aktar ghandhom ikunu applikabbli ghas-sitwazzjoni in ezami, fejn l-impjegata bl-ebda mod u manjiera ma abbandunat ix-xoghol taghha izda baqghet tigri wara s-socjetà rikorrenti sabiex terga' tinghata l-post tax-xoghol taghha.

Illi s-sena li hadet l-intimata, wara li ghalaq il-'leave' tal-maternità, haditha bi qbil u anzi fuq suggeriment ta' l-istess direttur taghha. Ma hemm xejn stramb li l-intimata ma kinitx qed tircievi paga, stante li dan jaqa' ezattament fil-kuncett ta' parental leave li hu moghti bi dritt lil kull impjegat li jista' jaghzel li jiehu sena parental leave minghajr hlas. Mhux biss izda fil-kaz in ezami huwa determinant l-fatt li dan iz-zmien l-intimata haditu bi qbil mad-direttur, u ghalhekk wiehed lanqas ma ghandu jidhol fi kwalunkwe diskussjoni dwar dan iz-zmien.

Mhux biss, izda minkejja d-dritt ta' l-intimata li din tinghata ezattament l-istess posizzjoni li kellha fil-gurnata meta harget bil-'leave' tal-maternità, l-intimata kienet lesta wkoll li tikkunsidra xoghol iehor u fil-fatt marret tipprova x-xoghol f'sezzjoni ohra izda wara nfurmat lid-

direttur li hi ppreferiet tibqa' fix-xoghol taghha fl-'accounts department'.

Huwa car ukoll illi l-post tax-xoghol tal-intimata ma kienx ghadu disponibbli ghaliex l-istess intimata, fl-ahhar tlett xhur qabel ma harget bil-leave tal-maternità, kienet ittrenjat impjegata ohra sabiex taghmel l-istess xoghol taghha. Izda l-intimata kienet lesta wkoll li tidhol f'post tax-xoghol analogu meta d-direttur kienet infurmata li se jkollha xoghol fi swieq godda u semmietilha l-Awstralja, meta l-intimata precedentament kienet tahdem fuq 'Western Europe'.

Illi minkejja t-tentattivi kollha u t-talbiet kollha li l-intimata ghamlet sabiex hija terga' tibda xoghol u dan sa minn qabel ma skada l-'leave' tal-maternità taghha, s-socjetà rikorrenti qatt ma regghet dahlet lill-intimata ghax-xoghol u qatt ma regghet offriet fil-fatt lill-intimata x-xoghol li hija kellha qabel harget bil-'leave' tal-maternità, ghajr f'dawk l-istess jiem li l-'leave' tal-maternità kien ser jiskadi u intlahaq il-ftehim bejn il-partijiet li l-intimata se tiehu sena u tirritorna ghax-xoghol wara.

Illi l-intimata zammet ma' dan il-ftehim u x'hin kienet ser tiskadi dik is-sena regghet ikkuntattjat lis-socjetà rikorrenti sabiex terga' tibda xoghol.

Illi kienet is-socjetà rikorrenti, illi wara li saru dawn id-diskussjonijiet kollha u wara li kien intlahaq dan il-ftehim mal-intimata, unilateralment qabdet u tterminat l-impjieg ta' l-intimata billi imliet il-formola tat-terminazzjoni ta' impjieg fl-14 ta' Ottubru 2014 u qabdet u baghtitha lill-Jobsplus, minghajr ma qatt ipprezentata lill-intimata ghall-firma taghha.

Tant hu hekk li l-intimata baqghet sa Jannar tal-2015 iccempel kull gimgha sabiex id-direttur taghtiha 'starting date', kif kienet weghditha f'Awwissu 2014, sabiex tibda x-xoghol.

Dan kollu ma gie kontradett bl-ebda mod mis-socjetà rikorrenti.

Illi dan l-agir ghalhekk jissarraf f'raguni valida ai termini tal-Artikolu 36 subartikolu (19) u (20) ghaliex l-intimata m'ghandhiex thallas lura lis-socjetà rikorrenti l-hlas li rceviet matul il-'leave' tal-maternità u cioè l-ammont mitlub mis-socjetà rikorrenti.

## Decide:

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha esposti, il-Qorti qeghda tichad it-talba tas-socjetà rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha.

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur